**25 ta' Ġunju, 1963.**

**Imħallef:**

**Onor. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.**

George Farrugia et

*versus*

Carmelo Farrugia et

**Xhud mhux dikjarat — Produzzjoni ta' —**

*Il-Qorti għandha l-fakulta tippermetti l-produzzjoni ta' xhud mhux dikjarat meta dan jista' jkun utili għall-fini tal-kawża.*

Il-Qorti, rat dak li ġie verbalizzat fis-seduta tas-17 ta' Jannar, 1963 minfejn jirriżulta li l-konvenuti jitolbu li jipproduċu bħala xhud lil Albert Falzon Sant Manduca, li ma jinsabx dikjarat minnhom fil-lista tax-xhieda, għall-oġġett minnhom indikat u li l-atturi jopponu ruħhom għal din it-talba, għar-raġunijiet msemmijin fl-istess verbal;

Billi hija tal-fehma tal-Qorti li Albert Falzon Sant Manduca, fiċ-ċirkostanzi, jista' jagħti xi tagħrif ta' portata rilevanti għall-finijiet tal-meritu tal-kawża, u li d-depożizzjoni tiegħu

tista' talvolta sservi wkoll lill-Qorti ta' kriterju rigward il-kredibilità tal-kontendenti;

Tilqa' t-talba tal-konvenuti; u tammetti bħala xhud f'din il-kawża lil Albert Falzon Sant Manduca malgrade li dan ma jinsabx dikjarat bħala xhud;

Spejjeż riservati.